**Sunett 'Lil Marija Annunzjata'**
**Tal-Qassis-Poeta Dun Anton Xiberras**
**F'Għeluq il-100 sena minn Twelidu**




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Għad li ta' kull sena fil-kotba tal-festa joħorġu għexieren t'artikli b'tema letterarja, mużikali, jew xort'oħra mill-pinna tiegħi, din hi l-ewwel darba li tħajjart nikteb wieħed ukoll għall-festa tal-Lunzjata. Għal dis-sena ħsibt li nikteb xi ħaġa dwar sunett ta' Dun Anton Xiberras (1922-2006) f'ġieħ Marija Annunzjata ċċelebrata fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Dal-qassis-poeta Naxxari – li dis-sena jagħlaq 100 sena minn twelidu, proprju fit-13 t'April – kiteb għadd bla qies ta' xogħlijiet letterarji ta' kull xorta bħalm'huma poeżiji, novelli u leġġendi, li ħafna minnhom jittrattaw il-missjoni peress li din kienet bil-wisq għal qalbu sa minn ċkunitu. Tant hu hekk, li għal żmien twil kien Teżorier Nazzjonali fl-Uffiċċju Missjunarju u editur tal-perjodiku 'Malta Missjunarja', li dis-sena wkoll inzerta qed jagħlaq disgħin sena ħajja minn mindu ħareġ l-ewwel għadd tiegħu f'Settembru tal-1932. Is-sunett li se nitkellem fuqu nkiteb fi Frar tal-1946, jiġifieri xhur biss wara tmiem il-Gwerra, u li allura jista' jitqies fl-istess ħin bħala għanja Marjana u talba ta' radd il-ħajr, li bl-interċessjoni ta' Madonna, il-poplu Malti, minkejja l-ġuħ, l-għaks u t-tbatija kbira li sofra intortament, ħelisha b'wiċċ il-ġid.

Kliem muftieħ: Ħal Tarxien, San Ġiljan, Marija Annunzjata, Dun Anton Xiberras, Dun Anton Zammit, sunett,

**Il-festa tal-Annunzjata**: Dari, il-festa liturġika ta' Marija Annunzjata, jew aħjar, it-tħabbira tal-Mulej, jonkella t-tħabbir ta' Marija Verġni, kienet issir nhar il-25 ta' Marzu, disa' xhur eżatt qabel il-Milied, ġo nofs ir-Randan. Dil-festa kienet issir b'ċerta limitazzjoni, u li minħabba f'hekk, tat bidu għal fest'oħra sekondarja fl-istess raħal, dik tal-Madonna tad-Duttrina. Il-festa tal-Annunzjata tiċċelebra l-mument li fih Marija ta' Nazaret tat il-kunsens tagħha 'l-messaġġ smewwi li ġabilha l-Arkanġlu Gabriel li hi kellha ssir omm tal-Iben t'Alla, it-tieni Persuna tat-Trinità Mqaddsa, permezz tal-Ispirtu Santu. Illum il-ġurnata, il-festa titulari tal-Annunzjata f'Ħal Tarxien issir lejn l-aħħar ta' Mejju jew bidu ta' Ġunju. Ta' min jgħid, li dil-festa tiġi ċċelebrata wkoll fir-raħal ta' Ħal Balzan fit-tieni Ħadd ta' Lulju.



L-Annunzjata: Xogħol fil-ġebel ta' Charles Attard, skultur Naxxari

**Profil bijografiku**: Dun Anton Xiberras (1922-2006) twieled in-Naxxar minn Anġlu u Karmena Sciberras, u kien id-disa' wieħed fost tnax aħwa. Fl-1935 daħal is-Seminarju, fejn dam 12-il sena intern sa ma qaddes l-ewwel quddiesa f'Awwissu tal-1947. F'Mejju tas-sena ta' wara ntbagħat fil-parroċċa ta' San Ġiljan, fejn mexxa d-duttrina tat-tfal, u kien wieħed mill-fundaturi u assistenti ekkleżjastiċi tal-Friegħi tal-Ġuvintur u Rġiel tal-A.K., kif ukoll ta' diversi prokuri. Dun Anton kien iħobb ħafna 'l-ilsien pajjiżu. Infatti, kemm dam in-Naxxar waqqaf il-fergħa Naxxarija tax-'Xirka tal-Malti għat-tfal' (1943); fl-istess sena beda jħarbex l-ewwel poeżiji tiegħu li aktar tard bdew jidhru fir-rivista 'Id-Djarju tan-Naxxar', u li tagħha kien editur. Għal ftit żmien ukoll, kien President tal-'Għaqda Artistika Naxxarija' (1948). Dun Anton hu rebbieħ t'għadd ta' premijiet għall-poeżiji bil-Malti f'konkorsi differenti.



(1922-2006), il-qassis-poeta Naxxari

F'San Ġiljan ta bidu għall-bullettin parrokkjali 'Xaqq Dawl', li dam sejjer sa nofs il-50ijiet. Hu wkoll l-awtur tal-'Enċiklopedija tan-Naxxar' (1962) fi tliet volumi; xogħol li baqa' jaġġornah b'tagħrif supplimentari tul il-bqija ta' ħajtu. Bosta minn xogħlijietu jinsabu mxerrdin f'rivisti, l-aktar f''Malta Missjunarja', li fiha kien jikteb regolarment kull xorta ta' poeżiji, proża, djalogi, antoloġiji, stejjer, rakkonti, ħrejjef u leġġendi barranin, kif ukoll rumanzi missjunarji, fosthom 'Demm tal-Martri' (1941-2) u 'Il-Wieħed u Ħamsin' (1949-51), u buzzetti, fosthom 'Ħolma Vera' u 'Rebħa Kbira Ħafna' għall-ġurnata Missjunarja, 'Għajnejn Miftuħa' għaż-żmien il-Milied, kollha fl-1954, u 'Antwan' għall-festa tas-Santa Infanzja. Kiteb ukoll drammi, radio plays (imxandra fuq ir-Rediffusion), u skizzi żgħar għall-palk, kif ukoll il-paġna li jkun fiha ċ-ċajt u oħra għat-tfal, b'din tal-aħħar taħt il-psewdonomu ta' 'Il-Missjunarju Xiħ'. Sa ktieb kollu logħob, ċajt u stejjer ħareġ bl-isem ta' 'Mogħdija taż-Żmien' (1959). Ħafna kitbiet oħra tiegħu dehru fiċ-'Children's Own' permezz t'artikli edukattivi mmirati lejn it-tfal tal-iskejjel primarji.

Minbarra li kien editur, Dun Anton kien jikteb ukoll f''Il-Mixja tal-Komunità ta' San Ġiljan', il-bullettin parrokkjali Ġiljaniż ta' wara 'Xaqq Dawl'. Fil-verità, hu kważi impossibli telenka lista sħiħa t'għexieren kbar ta' kitbiet u għanjiet li ħarġu mill-pinna tiegħu. Biss, ta' min isemmi t-tliet kotba bil-leġġendi ppubblikati bejn is-snin 1992 u 2001. Fihom wieħed isib rakkonti f'forma ta' proża jew poeżija. Wieħed mill-aħħar xogħlijiet tiegħu kien il-ktieb 'Stejjer, Stejjer, Stejjer' maħruġ mill-Opri Missjunarji Pontifiċji fl-2003. Fih insibu għażla ta' stejjer minn mad-dinja kollha.



LILL

MARIJA ANNUNZJATA

NHAR IL-FESTA TAGHHA

**Fil-Kuisja Parrokkjali ta' Hall Tarxien**

27 TA' APRIL 1947.

Ieqaf, ġlied, li tifni d-dinja;
Erġa, sliem, flok it-tbatija;
Wild il-bniedem, ifraħ, thenna
L-anġlu ħabbar lil Marija!

Ma weghdx Alla ġewwa l-Eden
Li jeħlisna mit-telfien,
Jibgħat mara tirbaħ l-għadu,
Fuqna jxerred is-serħien?

Hemm fil-kamra siekta titlob
Sabha l-anġlu tas-smewwiet,
Meta l-bxara mqaddsa taha
B'dawk l-għażiża, kbar, kelmiet:

"Fil-ġuf safi tiegħek tnissel
Alla w bniedem fl-istess ħin,
Jagħmlu dan Ruħ-il-Qdusija,
Mhux il ħidma tal-bnedmin".

16-2-46

Inti bżajt għax ma ridtx titlef
Ix-xbubija li għożżejt;
'Ma bla mtiefsa ħallijielek
Il kbir Alla li ħabbejt.

Nisel għani minn ta' David,
Tfajla safja tal-Lhudija,
Iberkuk bħal omm min tagħhom
Ma jehdewx il ġnus mifdija.

Tabilħaqq li kbira kienet
Il-missjoni li tak Alla;
Tnissel lilu, magħmul bniedem
Biex mill-għajb il-ġnus ittalla'.

X'ħin weġibt għall-ħbar ta' l-Anġlu
Il bnedmin, il-ġnus thenniet
Għax ma jħassru ħadd li nkiteb
Sa minn dejjem fis smewwiet!

Diacono TONINU XIBERRAS

Is-sunett tal-1947 ta' Dun Anton Xiberras (1922-2006) iddedikat lil Marija Annunzjata

**Is-Sunett 'Lil Marija Annunzjata'**: Is-sunett kitbu meta kien Seminarist. Flimkien miegħu fil-kors tal-Filosofija u t-Teoloġija kien hemm it-Tarxiniż Anton Zammit (1922-2010) (minn "Tal-Kijku") li mbagħad laħaq viċi-kappillan tal-parroċċa Tarxiniża. Huma kienu ordnaw flimkien fit-3 t'Awwissu tal-1947.[1] Apparti li t-tnejn kienu jġibu l-istess isem – Anton – din tidher li kienet l-uniku konnessjoni li kellu l-poeta ma' dar-raħal antik li ġegħlitu jiddedika das-sunett f'ġieħ l-Annunzjata, bl-isem sħiħ tiegħu: 'Lil Marija Annunzjata, nhar il-festa tagħHa, fil-knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien, 27 ta' April, 1947'.

Is-sunett jifforma parti minn 'damma ta' sitt għanjiet qosra tiegħu, maħruġin, stampati u mxerrdin minn Lulju 1946, sa Settembru 1947' li hu ġabar f'manuskritt ta' 13-il paġna bl-isem ta' 'Frott il-Għaraq – Poeżiji', fis-sensiela 'Ġabra "Marija Bambina" Nru 8. Fl-istess damma nsibu wkoll żieda tat-tieni ħarġa ta' "It-Twelid ta' Marija l-Imqaddsa", maqluba mill-Ingliż fl-1947. Dun Anton Xiberras jiddedika dax-xogħol 'lit-tifkira ħelwa / tal-għażiż missieri / li għaraq, bata u miet / sa ma laħaq qabbadni / ftit tal-iskola / dan il-frott żgħir tal-għaraq tiegħi nagħti.'



... San ... l-ġrajja

Fil-'Kelmtejn fuq l-Għatba' tiegħu, li jġibu d-data tat-23 ta' Marzu, Dun Anton Xiberras, fost affarijiet oħra marbuta mal-kitba tal-poeżija Maltija inġenerali, għandu xi jgħidilna hekk dwar das-sunett, li hu jippreferi jsejjaħlu 'għanja', jew aħjar minn hekk, 'innu': ' L-għanja "Lil San Mikiel" u "Lil Marija Annunzjata", kif ukoll "It-Twelid ta' Marija l-Imqaddsa" huma għanjiet safja minn kull ħsus ta' patrijottiżmu, u għalhekk jixirqilhom iktar l-isem ta' innijiet." B'rabta dejjem ma' das-sunett, fl-istess kelmtejn tiegħu hu jistqarr ukoll li: '… l-għanjiet kollha hawn miġbura huma kollha tal-okkażjoni', li skontu wieħed faċilment jagħrafhom 'mit-titli u d-dati u l-format tagħhom.' Madankollu, għalih,

[1] 'Dun Anton – Kitbietu Miġbura' (Vol.2), p.357.

dal-għanjiet, jew innijiet, jaqgħu taħt il-kategorija ta' 'sunetti' għar-raġuni biss 'li jitqassmu fil-festi, li tagħhom f'ħafna bliet u rħula ssib eluf ta' dilettanti.' Li l-poeta qed isejjaħlu 'innu' hi indikazzjoni pjuttost ċara min-naħa tiegħu li fiha qed tintwera x-xewqa li das-sunett jista' jiġi wkoll immużikat. U peress ukoll li skontu, għallinqas fi żmienu, dak ta' eżatt wara l-Gwerra: 'In-nies li taqra das-sunetti aktarx li huma nies li ma jafux jaraw l-arti tal-kitba', u li 'meta dak is-sunett ifaħħar kemm jiflaħ 'il-qaddis patrun jew ir-raħal, u jkun iqabbel fl-istrofi, hemmhekk l-awtur ikun jistħoqqlu l-aqwa tifħir tagħhom', hu mar għall-vers l-aktar popolari tat-tmienja, anki jekk fi kliemu: 'mhux dejjem ħaġa ħafifa għall-poeżija klassika.'

Bħala xogħol, is-sunett hu wieħed qasir bi tmien strofi ottonarji, u s-soltu rima abċb. F'riġlu tan-naħa tax-xellug iġib id-data ta' meta kitbu: 16 ta' Frar 1946, u n-naħa tal-lemin, quddiem ismu niżżel li kien għadu djaknu. Dwar ismu wkoll, il-poeta kien jippreferi jniżżlu bħala Toninu, kif komunement kienu jsibuh n-Naxxarin, filwaqt li kunjomu kien jippreferi dak semitiku milli t'influwenza Taljana, u għaldaqstant jibdieh bix-'x' u mhux 'sc'. In-Nihil Obstat hi datata 26 ta' Marzu tal-istess sena, b'patri Paulus Tabone O.F.M. bħala Ċensur Teoloġiku. Il-mod li bih jiftaħ das-sunett: *Ieqaf, ġlied, li tifni d-dinja; / Erġa, sliem, flok it-tbatija*, jurina biċ-ċar illi nkiteb xhur biss wara tmiem il-Gwerra. Il-bqija tal-istrofi aktarx jirrakkontaw il-ġrajja ta' meta l-Arkanġlu Gabriel ħabbar 'il Sidtna Marija li kellha ssir Omm Ġesù, kif imniżżla fil-Vanġelju skont San Luqa (Lq. 1:26-38).

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Tarxiniżi fl-okkażjoni tal-festa titulari tal-Lunzjata li qed tiġi ċċelebrata ġewwa raħalhom.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)